MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1134/2011

**Il-Pulizija
[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Abdi Mohamed Mohamed**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdi Mohamed Mohamed detentur tan-numru tal-Pulizija 11B-188.

Akkuzat talli:

Fit-8 ta' Ottubru 2011, f'Malta, xhur qabel kif ukoll wara, ghamel uzu, jew ittenta jaghmel uzu minn passaport mahrug lill-persuna ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkostanzi f'Malta, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz, jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti

foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezenati:

Semghet il-provi;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi  u stante li l-ewwel akkuza tigi assorbita fit-tieni akkuza u wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kap. 61, l-Artikolu 17(1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 32(1c) tal-Kap. 217 qeghda qeghda issib lill-imputat Abdi Mohamed Mohamed hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u qeghda tikkundannah ghal xahar (1) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------